MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 309/2007

**Joseph Buttigieg u Carmel sive Lino Farrugia fil-kwalita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Nassaba Konservazzjonisti**

**vs**

**Mark Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'Ottubru tas-sena 2007 li permezz tieghu l-atturi nomine sejhu lill-konvenut fuq indikat sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi nomine dik is-somma li tigi stabbilita minn din il-qorti a tenur sia tal-artikolu 28 u kif ukoll ta' l-artikolu 29 tal-Att dwar l-Istampa, (Kapitolu 248), u dana prevja d-dikjarazzjoni li r-rapprezentazzjoni grafika u kif ukoll l-istqarrija ossija l-artikolu riportat fil-

gazzeta IR-REALTA` fil-harga numru 4 datata Mejju, 2007, (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A), kienu foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-atturi nomine u kienu jikkontjenu allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta' l-atturi nomine b'mod li attribwewlhom fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur, r-reputazzjoni u l-fama taghhom u li jesponuhom ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku;

2. Bl-ispejjez, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-konvenut datata t-28 ta' Novembru tas-sena 2007, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi, preliminarjament l-atturi m'ghandhom l-ebda interess guridiku sabiex jipproponu l-prezenti azzjoni;

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu u r-rapprezentazzjoni grafika de quo mhumiex libelluzi fil-konfront ta' l-atturi nomine;

3. Illi fl-artikolu, kif ukoll fil-grafika, hemm biss kummenti li jikkonsistu *f'fair comment* dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku u kritika accettabli f'socjeta` demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta' Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Liberatijiet Fundamentali tal-Bniedem;

4. Illi minn imkien mill-artikolu u jew mill-grafika ma johrog l-*animus injuriandi* rikjest mill-Ligi fil-konfront ta' l-atturi fil-vesti rapprezentattivi taghhom;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Innotat li ghalkemm il-konvenut inghata d-debita opportunita` skond il-ligi biex iressaq il-provi tieghu u biex jittratta l-kaz kif jidhirlu, dan baqa' inadempjenti minghajr la ma ggustifika din l-attitudni u minghajr ma ntervjena b'xi mod;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-atturi nomine;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi nomine jokkupaw il-karigi ta' Presidenti u Segretarju ta' l-ghaqda maghrufa bl-isem ta' "Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti";

2. Illi l-atturi hassewom malafamanti b'dak li deher fil-harga numru 4 ta' fuljett bl-isem "Ir-Realta`" datat Mejju 2007 senjatament billi f'din il-harga kien hemm is-segwenti:

i. ras ta' mewt b'zewgt isnieter imsallbin tahtha;

ii. speci ta' demm imcarcar minn xkubetta minnhom;

iii. speci ta' swaba' mcappsin fil-parti fejn gie riprodott l-editorjal "…li jaghtu x'wiehed jifhem illi huma xi tbajja tad-demm";

iv. illi l-kaccaturi jaghmlu l-vjolenza u l-vandalizmu fuq il-"*Bus Stops"* fil-Qrendi, u fir-riserva naturali ta' l-Ghadira;

v. illi l-kaccaturi jezercitaw l-arroganza taghhom billi jattakkaw ir-Riserva Naturali;

vi. illi l-uzu tal-vjolenza da parti tal-kaccaturi tezigi li s-socjeta` civili tirrispondi w issemma' lehinha;

3. Illi skond l-istess lanjanti dawn l-allegazzjonijiet qatt ma gew ipprovati;

4. Illi di piu`, l-allegazzjoni ta' l-artikolist li l-lanjanti huma vjolenti hi ghal kollox michuda;

5. Illi rizutlat ta' dan l-editorjal l-ghaqda de quo irceviet diversi ilmenti mill-membri taghha ghaliex hassewhom malafamanti;

6. Illi ghalhekk hassewhom kostretti jintraprendu din il-procedura;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, minn naha tieghu, issolleva s-segwenti:

1. Illi effettivament l-atturi nomine m'ghandhom l-ebda interess guridiku biex jipproponu u jippromwovu l-azzjoni odjerna;

2. Illi fil-meritu, l-artikolu de quo mhux libelluz fil-konfront ta' l-atturi nomine;

3. Illi kemm l-artikolu kif ukoll il-grafika huma biss kumment gust fuq il-problematika in dizamina;

4. Illi ma hemm l-ebda *"animus iniuriandi"* fil-konfront ta' l-atturi nomine;

Ikkunsidrat;

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-atturi nomine mhumiex jagixxu fil-kwalita` personali taghhom izda fil-kwalitajiet rispettivi minnhom stess indikati u dan, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Federazzjoni li jirrapprezentaw;

2. Illi ghalhekk, qabel ma jigi kkunsidrat il-meritu veru u proprju tal-vertenza odjerna, hu doveruz li tigi disposta l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u cioe`, jekk il-protagonisti li qed jippromwovu din il-procedura f'isem l-imsemmija Federazzjoni ghandhomx interess guridiku peress li l-azzjoni ghall-malafama u l-konsegwenti danni morali rizultanti huma normalment rizervati ghall-persuna fizika, (ara Anthony DeGiovanni noe et vs Joseph Saliba noe et, tal-11 t'April tas-sena 2005);

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti taghmel referenza ghad-decizjoni "Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa", datata t-28 ta' Frar tas-sena 2005, fejn gie ritenut is-segwenti:

i. Illi skond l-artikolu 2 tal-Kap 248 il-kelma "persuna" hi definita b'dan il-mod:

"*…tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le"*;

ii. Illi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Pulizija vs Dr. J. Brincat et tal-5 t'Ottubru, ta' l-1992, gie ritenut illi:

"*…L-esprezzjoni tal-prijorita` tal-protezzjoni ta' l-interess, hu dritt privat li jispetta biss lil dawk il-persuni privati in kwantu tali huma protetti";*

Ikkunsidrat:

Illi s-suespost jinkwadra ma' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Illi ghandu jkun pacifiku li l-malafama in dizamina tirrigwarda dik l-isfera emozzjonali partikolari tal-bniedem li ex ipotesi, ma tistax taffettwa bl-ebda mod entita` priva minn tali emozzjoni bhal ma hi l-Federazzjoni de quo;

Illi kif abbilment irriteniet din il-qorti diversament preseduta fid-decizjoni fuq indikata;

"*L-iskop tal-ligi huwa illi tipprotegi l-unur u l-fama ta' l-individwu li ghandu d-dritt ikun protett minn abbuzi jew minn min ikun irid iwaqqghalu giehu f'ghajnejn in-nies"*.

Illi kif isostni l-Gatley, (Edizzjoni numru 8, 1981, p.280 et sequitur):

*'The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to those who know him understand **he** was the **person** meant...if in the opinion of the jury a substantial number of persons who knew the plaintiff on reading the article would believe that **it** refers to **him**",* (sottolinear tal-qorti)*;*

Illi dan l-emfasi fuq il-fizicita` tal-pesuna hu dejjem kostanti fl-imsemmi awtur u ma jidhirx li qatt estenda l-istess mozzjoni ghall-aktar mill-limitu tal-fizicita` tal-bniedem ikkoncernat:

*"Any imputation which may tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society to cut him off from society or to expose him to contempt or ridicule is defamatory of him",*(ibid. p. 281);

Illi fil-kawza fl-ismijiet Reynolds vs Time tal-House of Lords tat-28 t'Ottubru ta' l-1999 gie ritenut illi:

*"Reputation is an integral and important part of the dignity of the **individual**…for it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual…",* (sottolinear tal-qorti);

Illi kif kif ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Onorevoli Perit Charles Buhagiar vs Ray Bugeja, datata l-25 ta’ Mejju tas-sena 2001:

*“Il-Qorti jidhrilha li minkejja dan l-izvilupp storiku fid-dritt ta’ l-espressjoni ta’ l-istampa, xorta ma jbiddilx l-istat guridiku li din l-espressjoni tista’ teccedi l-limiti, fejn allura d-dritt ta’ privatezza ta’ l-**individwu**, kuncett ukoll fondamentali fid-drittijiet tal-bniedem ghandu jigi protett…”,*(sottolinear tal-qorti);

Illi di piu`, kif irriteniet il-Qorti ta’ l-Appel fil-kawza Maria Tereza Deguara Caruana Gatto et vs Anna Maria Xuereb noe datata l-5 ta’ Novembru tas-sena 2003:

*“Ghalhekk, fil-fehema cara tal-Qorti ta’ l-Appell taghna, l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali kontemplata mill-artikolu 28 tal-Kap 248 tispetta biss lill-persuna offiza u ma tispettax lid-dixxendenti taghha”;*

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-azzjoni odjerna - wahda prettament intiza ghall-iskop uniku ta’ risarciment konsegwenti ghal danni morali subiti kif kontemplat mill-vigenti artikolu 28 tal-Kap 248 – tispetta unikament lill-persuna individwali offiza u mhux lill-enti guridiku;

Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku bhala konsegwenza tal-paragrafu fuq indikat li l-persuni li individwalment hassewhom aggravate bil-kontenut in dizamina ghandhom kull dritt li jintrapprendu l-azzjoni spettanti lilhom taht l-artikolu 28 tal-Kap fuq indikat biex jitolbu r-risarciment ekwiparattiv li taghti l-ligi, u mhux l-ente guridika li taghha jistghu jiffurmaw parti;

Illi l-fama u r-reputazzjoni huma r-riserva ta’ l-individwu li hu min-natura tieghu mghoni bl-emozzjoni u bid-dritt li jipprotegi d-dinjita` tieghu meta illegittimament attakkata;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-atturi Buttigieg u Farrugia nominee m'ghandhomx interess guridika biex jippromwovu l-azzjoni odjerna;

2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-atturi nomine fuq indikati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------